



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2018/0098/PL (Poland)

Att li jemenda l-Att dwar is-sistema għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-kwalità tal-fjuwils u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Teżor Nazzjonali

Data tal-wasla : 14/03/2018

Tmiem tal-Waqfien : 15/06/2018 (closed)

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2018) 00640

Direttiva (UE) 2015/1535

Traduzzjoni tal-messaġġ 001

Notifika: 2018/0098/PL

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéket - Ma' jiftaħ il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - He ce предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201800640.MT)

1. MSG 002 IND 2018 0098 PL MT 14-03-2018 PL NOTIF

2. PL

3A. Ministerstwo Przedsiębiorczości i Technologii,
Departament Doskonalenia Regulacji Gospodarczych,
Plac Trzech Krzyży 3/5, 00-507 Warszawa,
tel.: (+48) 22 693 54 07, e-mail: notyfikacjaPL@mr.gov.pl

3B. Ministerstwo Energii
Departament Górnictwa
ul. Krucza 36/Wspólna 6, 00-522 Warszawa
tel. (+48) 22 695 83 00, e-mail: sekretariatDGA@me.gov.pl

4. 2018/0098/PL - N00E

5. Att li jemenda l-Att dwar is-sistema għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-kwalità tal-fjuwils u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Teżor Nazzjonali

6. Fjuwils solidi, sistema għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-kwalità tal-fjuwils

7. -

8. It-tibdil prinċipali introdott mill-emenda għall-Att huwa dan li ġej:

Dan jispeċifika l-impjanti tal-kombustjoni tal-fjuwils li fihom jintuża l-fjuwil solidu kopert mill-Att. L-Att japplika għall-fjuwils solidi kkunsmati fl-unitajiet domestiċi u l-impjanti tal-kombustjoni bi klassifikazzjoni ta' input termali ta' inqas minn 1 MW. Dan jistabbilixxi r-regoli għall-kontroll tal-kwalità tal-fjuwils solidi introdotti fis-suq maħsubin għall-użu municijali u



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

domestiku.

Huwa jemenda u jestendi l-katalogu tal-fjuwils solidi. Il-bejgħ għall-użu muniċipali u domestiku ta' ħama tal-faħam, flotokoncentrati, linjite, taħlitiet ta' dawn u fjuwil prodott bit-taħlit ta' kwalunkwe fjuwil ieħor li jinkludi inqas minn 85 % ta' faħam iebes jiġi pprojbit mil-liġi.

Huwa jintroduċi ċertifikati tal-kwalità tal-fjuwils biex ix-xerrejja jiġu pprovduti b'informazzjoni preċiża u komprensiva dwar il-prodotti.

Il-fjuwils solidi mixtrija minn konsumaturi individwali jiġu kkontrollati fil-postijiet tal-ħżin tal-fjuwils u f'punti ta' kontroll transkonfinali.

Deroga temporanja mill-istandards tal-kwalità tal-fjuwils solidi tiġi permessa u tista' tiġi implimentata waqt perjodi meta ma jkunx hemm provvista suffiċjenti ta' fjuwil fis-suq minħabba emerġenzi.

Ix-xiri ta' fjuwil solidu li ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' kwalità tal-Att jiġi permess għall-operaturi tal-impjanti tal-kombustjoni b'input ta' mhux inqas minn 1 MW mal-preżentazzjoni ta' ċertifikat tal-operat tal-impjant, u għall-intermedjarji li jkollhom il-ħsieb li jiddistribwixxu mill-ġdid il-fjuwil (lill-impjanti b'input ta' iktar minn 1 MW) mal-preżentazzjoni ta' dokumenti li jipprovdu prova ta' attivitajiet ta' bejgħ ta' fjuwils solidi.

9. L-abbozz tal-Att huwa wieħed mill-azzjonijiet meħuda bħala sforz biex tittejjeb il-kwalità tal-arja.

L-impatt ewlieni tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att ikun li jiġi permess li l-kwalità tal-fjuwils solidi tiġi mmonitorjata u kkontrollata f'konformità mal-avvanzi teknoloġiċi u l-esperjenza fl-applikazzjoni tagħhom, b'enfasi partikolari fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u inkwinanti oħrajn.

Impatt ieħor tas-soluzzjoni proposta huwa li jiġi organizzat is-suq tal-fjuwils solidi u li l-konsumaturi jkun jistgħu jksbu informazzjoni preċiża dwar il-prodotti u x-xiri ta' fjuwils solidi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' kwalità għall-fjuwils maħsubin għall-użu muniċipali u domestiku.

10. Referenza/i għat-test(i) bażiku/bażiċi: - L-Att tal-25 ta' Awwissu 2006 dwar is-sistema għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-kwalità tal-fjuwils (Ġurnal tal-Liġijiet 2018, punt 427)

- L-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Teżor Nazzjonali tas-16 ta' Novembru 2016 (Ġurnal tal-Liġijiet 2018, punt 508)

It-testi bażiči ntbagħtu ma' notifika preċedenti: 2006/0390/PL

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. Iva

16. Aspett OTK

Le - l-abbozz m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Aspett SPS

Le - l-abbozz m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Komisja Europejska

Punkt kontaktowy Dyrektywa (UE) 2015/1535



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs

Single Market Enforcement

Notification of Regulatory Barriers

faks: +32 229 98043

e-mail: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu